NEWSHEET TAL-GĦAQDIET KATTOLIĊI
Segretarjat għall-Apostolat tal-Lajċi

Il-Kurja, Kaxxa Postali 1, Triq ir-Repubblika, Victoria, VCT 1000, Għawdex, Malta.
Tel: (00356) 2155 6661 - (00356) 2155 6427 - (00356) 2155 1211 Fax: (00356) 2155 1278
Website: www.gozodiocese.org E-mail: gozocuria@onvol.net kbili@gozodiocese.org

**Nru. 411** **Marzu 2011**

# TIFKIRA TAL-ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI
## *L-ERBGĦA 2 TA' MARZU 2011*

L-Eċċellenża Tiegħu Mons Isqof Mario Grech jistieden id-Diriġenti u l-membri tal-Għaqdiet Kattoliċi u gruppi u movimenti ekkleżjali **għall-QUDDIESA KONĊELEBRATA b'suffraġġju ta' Mons Nikol Ġ. Cauchi fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, Victoria nhar l-Erbgħa, 2 ta' Marzu 2011 fis-6.00pm.** Is-Saċerdoti kollha huma mistiedna jikkonċelebraw. Kulħadd huwa mistieden.

---

# RANDAN 2011
## ŻJAJJAR FIL-ĦWIENET U L-KAŻINI

**Qegħdin fir-Randan.** Fuq xewqa tal-Isqof tagħna Mons Mario Grech qegħdin għal darb'oħra isiru mill-membri irġiel tal-Għaqdiet Kattoliċi u tal-gruppi u movimenti ekkleżjali **ż-Żjajjar fil-Ħwienet u l-Każini kollha ta' Għawde**x. Iż-żjajjar isiru f'dan iż-żmien tar-Randan minn Saċerdot akkumpanjat minn żewġt irġiel.

**Għalhekk inħeġġu lil kulħadd biex jitlob ħalli dan l-appostolat ta' fejda jħalli l-frott mixtieq u fejn jistgħu jgħinu f'dan l-appostolat.**

---

# SAN PAWL U Z-"ZKUK NIEXFA"

*Fl-omelja li għamel nhar l-10 ta' Frar fil-parroċċa tal-Munxar, fl-okkażjoni tas-solennità tan-Nawfraġju ta' San Pawl, l-Isqof Mario Grech wassal dan il-messaġġ:*

Meta Pawlu qabad iz-zkuk niexfa u tefagħhom fin-nar, huwa għamel ġest profetiku li jiswa għalina għax illum ukoll ħafna huma bħal dielja li fiha zkuk li ma jagħtux frott. Kulma jmur is-soċjetà tagħna qed tinxef minn ċerti valuri umani, bħalma huma r-rispett lejn il-ħajja, l-imħabba għall-familja, il-fedeltà fiż-żwieġ, is-sens ta' ġustizzja, eċċ.

Anke l-Knisja f'pajjiżna għandha r-riskju li fi kliem il-profeta Eżekjel issir bħal "dielja niexfa" (Eżek 15). Il-komunità Nisranija taf issir "ħatab għall-ħruq" meta timla rasha bi ġmielha u tibdel lil Alla ma' idoli oħrajn. Ħafna jiddependi mill-mudell ta' Knisja li għandna għal qalbna: jekk hijiex Knisja mhedija fit-"tiżjin" estern u t-tradizzjonijiet jew Knisja mogħtija għall-evanġelizzazzjoni biex Kristu jerġa' jkun iċ-ċentru tal-ħajja tal-bniedem.

F'dan il-kuntest, għalhekk, wieħed jistaqsi jekk kieku Pawlu jasal fostna llum, jerġax jaqbad "iz-zkuk niexfa" u jitfagħhom fin-nar! Dan in-nar mhux dejjem huwa qawwa qerrieda, imma huwa wkoll nar li jsaffi u jagħti l-enerġija. Fil-ħajja tal-komunità Nisranija dan in-nar pożittiv jiġi mill-Kelma li bħal "ġamra taħraq nar" tnaddaf ix-xufftejn u tgħallimna nitkellmu s-sewwa kollu, u mill-Ispirtu s-Santu li bħal nar mis-sema mhux biss iqabbad lil min hu dgħajjef imma kapaċi jagħti l-ħajja anke liz-zkuk mejta.

Meta wasal fostna, Pawlu ħallielna ħażna tajba minn dan in-nar.

---

### *PASTORALI TAR-RANDAN*

**N.B.** Aqraw u Spjegaw lill-Membri tal-Għaqdiet u Gruppi Ekkleżjali l-Ittra Pastorali tar-Randan 2011 tal-Isqfijiet tagħna fil-laqgħa tagħkom matul dan ir-Randan Imqaddes.

---

| | |
|---|---|
| 1. Tlieta | Kors ta' aġġornament għall-Kleru fis-Seminarju fl-4.00pm.<br>It-12-il dehra tal- B.V.M. ta' Lourdes. |
| 2. Erbgħa | Kors ta' aġġornament għall-Kleru fis-Seminarju fl-4.00pm. / It-13-il dehra tal-B.V.M. ta' Lourdes. / Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani fiċ-Ċentru tar-Ragħaj it-Tajjeb fit-8.30am. Quddiesa Konċelebrata ppreseduta mill-Isqof Mario Grech b'suffraġju għall-Isqof Mons Nikol Ġ.Cauchi (Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb – 6.00pm). Kulħadd huwa mistieden. |
| 3. Ħamis | Laqgħa għall-għalliema tal-Yr.4 tal-Iskejjel tal-Knisja (St. Theresa).<br>Preżentazzjoni ta' ktieb dwar l-Isqof Nikol Cauchi (Kurja tal-Isqof – 6.45pm).<br>L-14-il dehra tal- B.V.M. ta' Lourdes. |
| 4. Ġimgħa | L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar. Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi.<br>Il-15-il dehra tal-B.V.M. ta' Lourdes. |
| 5. Sibt | Nofs ta' nhar Spiritwalità għas-saċerdoti (Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb – 8.30am). Pontifikal immexxi mill-ET Mons Isqof Joe Bonello ofm (Katidral – 6.00pm) / Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku fil-Knisja ta' Sant'Anton (Xagħra – 8.00pm). / ĠABRA FIL-KNEJJES pro Missjoni Ħonduras. |
| 6. Ħadd | Id-disa' Ħadd ta' matul is-sena. Messalin sena A . / ĠABRA FIL-KNEJJES pro Missjoni Ħonduras. / Ċenaklu A. K. (Dar Ċentrali) fit-8.30am.<br>Films għall-familja kull nhar ta' Ħadd fil-5.30pm (Oratorju Don Bosco). |
| 7. Tnejn | Santa Perpetwa u Santa Feliċita, Martri – Tifkira (O). |
| 8. Tlieta | Jum Internazzjonali tan-Nisa (NU). |
| 9. Erbgħa | **L-Erbgħa tal-Irmied. Ras ir-Randan.** Hemm l-Obbligu tas-sawm u l-astinenza.<br>Jum ta' sawm għal dawk bejn it-18 u d-59 sena u astinenza għal dawk minn 14-il sena 'l fuq.<br>Bidu ta' Kampanja ta' Karità matul ir-Randan (Uffiċċju Caritas). |
| 10. Ħamis | Laqgħa għall-Għalliema tal-Yr.5 tal-Iskejjel tal-Knisja (St. Theresa). |
| 11. Ġimgħa | Pellegrinaġġ Penitenzjali Djoċesan u pellegrinaġġ ta' San Girgor u Mandat lill-Predikaturi tal-Eżerċizzi tar-Randan. Imexxi l-E.T. Mons Isqof Mario Grech (Kercem fis-6.00pm). |
| 12. Sibt | Lectio Divina għaż-Żgħażagħ (Dar Nazaret – 8.30pm – KDŻ).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewk. fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, Victoria li jibda fit-8.00pm. |
| 13. Ħadd | L-Ewwel Ħadd tar-Randan. Messalin sena A. / Festa ta' San Girgor il-Kbir (Parroċċa Kerċem. / Films għall-familja kull nhar ta' Ħadd fil-5.30pm (Oratorju Don Bosco). |
| 15. Tlieta | Laqgħa għaż-Żgħażagħ Għawdxin f'Malta (Kappella tal-Università – 7.15pm).<br>Quddiesa għall-Persuni Separati (KDF). |
| 16. Erbgħa | Laqgħa KKSK (Konservatorju Primarja). / Laqgħa tal-Kummissjoni Festi Esterni (Ċentru Ragħaj it-Tajjeb – 7.00pm). |
| 17. Ħamis | Laqgħa għall-għalliema tal-Yr.6 tal-Iskejjel tal-Knisja (St. Theresa). / Laqgħa tal-Kummissjoni Djoċesana Familja (Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb – 7.00pm). |
| 18-19-20. | Irtir għaż-żgħażagħ (Manresa – KDŻ). |
| 19. Sibt. | San Ġużepp Għarus tal-Verġni Mqaddsa Marija – Solennità. Messalin Sena B.<br>Lectio Divina għaż-Żgħażagħ (Dar Nazaret – 8.30pm – KDŻ).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewkaristiku fil-Knisja ta' Santu Wistin, Victoria li jibda fit-8.00pm |
| 20. Ħadd | It-Tieni Ħadd tar-Randan. Messalin sena A.<br>Films għall-familja kull nhar ta' Ħadd fil-5.30pm (Oratorju Don Bosco). |
| 21. Tnejn | Jum Internazzjonali biex titneħħa d-Diskriminazzjoni Razzjali (NU).<br>Laqgħa AKSK (St. Theresa). / Laqgħa għas-saċerdoti Żona A. (San Ġorġ-4.00pm). |
| 22. Tlieta | Jum Dinji tal-Ilma (NU) |
| 23. Erbgħa | Jum ta' Talb u Sawm b'tifkira tal-Missjunarji Martri. |
| 25. Ġimgħa | Tħabbira tal-Mulej.- Solennità. Messalin A. Festa Knisja tal-Lunzjata, Victoria. Quddiesa Pontifikali mill-Isqof Mario Grech fil-5.00pm. / Laqgħa għall-persuni f'relazzjoni barra miż-żwieġ (KDF). / Is-16-il Dehra tal-B.V.M. ta' Lourdes. |
| 26. Sibt | Adorazzjoni għall-Persuni kkonsagrati (Parroċċa ta' Għajnsielem – 6.00pm).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewk. (Knisja ta' Ħamet – 8.00pm).<br>Lectio Divina għaż-Żgħażagħ (Dar Nazaret – 8.30pm – KDŻ). |
| 27. Ħadd | It-Tielet Ħadd tar-Randan. Messalin Sena A / Irtir għall-Katekisti (Manresa – 9.00am-12.00).<br>Acies għall-membri kollha tal-Leġjun ta' Marija.<br>Films għall-familja kull nhar ta' Ħadd fil-5.30pm (Oratorju Don Bosco). |
| 28 Tnejn | Laqgħa għas-saċerdoti Żona B (Għarb fil-4.00pm). |
| 29. Tlieta | Laqgħa għall-Persuni separati (KDF). |
| 31. Ħamis | Jum il-Ħelsien – Festa Nazzjonali. / Attività għat-tfal tal-Form 1 (A.K.). |